# Kliem u Għidut it-Tfal

(*Studju folkloristiku ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(*Jorbot ma' "Leħen il-Malti", Għadd 191-193)*

*WEJDA* : Diminituv ta' id. Kelma li jagħtuha sew Falzon u Vassalli kemm Caruana. Tismagħha ta' sikwit fl-għidut lit-tfal "Abbi l-wejda", kif ukoll fl-għajta tal-bejjiegħa tal-qastan inkaljat : "Ar' jaħraq il-wejda !".

*WUWWU* : Kelb. Kelma li tfakkrek fil-ħoss ta' l-inbiħ tal-kelb. Qabbel il-kelma Ingliża *bow-wow*.

*XARIJA* : De Soldanis (p. 433) jagħti dil-kelma bħala "*voce puerile, volendo dire che non sarà più amico come prima e per ripacificarsi dice 'ma iniex xarija, paċi'; toccando il piccolo dito della man destra uno coll'altro, annellandosi le dita, allora vien fatta la pace*". Il-lum aktarx li ngħidu *ċiera* e.g. "biċ-ċiera miegħu". jiġifieri "miġġieled miegħu". Meta jagħmlu paċi i.e. ma jibqgħux ċiera, tisma' lit-tfal igħidu waqt li jmissu s-swaba' ż-żgħar tal-lemin ma' ta' xulxin :

"Paċi kulaċi,
Il-Madonna fuq rasi;
Kristu jaħbini
U l-Madonna ssibni."

Flok l-aħħar żewġ versi kif tajniehom, ġie li tisma' dawn :

"Kristu fuq l-altar
Qed ibierek lit-tfal żgħar."

*XEJKU* : Vassalli (p. 634) ifissirha bħala "*vox qua vocatur bos aut ovis*". Imma Bonelli jagħtiha bħala kelma tat-tfal : "*dicesi facendo ballare sulla ginocchia un bambino,*" tifsira li għandha x'taqsam ma' *tuttu* (q.v.). Kif igħidilna Bonelli, dil-kelma ma tmurx waħedha imma dejjem ma' *tuttu* i.e. *tuttu xejku.*

*XEJXI* : Dawl u kull ħaġa li togħġob lit-tarbija. Vassalli (p. 635) igħid : "*omne quod placet puerulis sibique pulcrum videtur*; it. *galanterie de' fanciulli, bazzecole lor piacevoli*" u De Soldanis (p. 435) "*ogni cosa che in apparenza è bella, e che piaccia all'occhio de' bambini sia roba, sia tela, o*

*altra cosa lucente*". Caruana (p. 512) flok *xejxi* jagħti *xejxa*: "*voce puerile, coserella, giocattolo*".

*XEKKUKA*: Bonelli biss jagħti dil-kelma, bit-tifsira ta' "nagħġa". Igħid li tingħad l-Għarb ta' Għawdex, u li l-Mosta ta' Malta *nagħġa* jgħidulha *barribarri*.

*ŻAQQUQA*: L-istess bħal *sinnuna* minn *sinna*, *żaqquqa* hija d-diminutiv ta' *żaqq*.

*ŻIŻI*: Żegħil, karezzi. De Soldanis (p. 513) ifissirha "*mio amato, mio bene*", Vassalli (p. 678) "*vox qua quos diligimus vocamus*". Il-lum is-sens inbidel ftit, għalkemm meta t-tarbija tagħmel "żiżi", tkun qed turi li tħobb lil dak li jkun.

*ŻIŻŻI*: Ħalib. Aktarx tisma' wkoll *żejża* li Caruana jfisser "*adoperasi per termine di decenza e in senso vezzeggiativo, mammella, poppa, e per metonimia 'latte'.*" Tisma' l-ommijiet igħidu: "Ejja ħu ż-żiżżi".

*ZINNI ZINNI*: Banda, daqq. Ħal Tarxien it-tfal kienu jgħidu "Santa Katarina—zinn, zinn, zinn". Bonelli għal *mużika* f'sens ġenerali jagħti *zigu zigu*. Issa *zigu* għat-tfal (Tarxien) hija wkoll dik il-qasba għamla ta' nofs qamar li żżomm it-*tajra* jew *ħamiema* tal-karti miftuħa. Meta xi tajra kienet *tagħhom* tismagħhom igħidu "Għandha z-zigu ħażin".

*ZI*: Qassis. L-iktar li tismagħha fl-irħula u f'Għawdex.

*ZIZI*: Tiġieġ. De Soldanis igħid li hija "*voce con cui chiamavano pollastri et altri simili*". Tiġieġa waħda hija *ziza*.

*ZIZU*: Laħam. Serduq ġie li jgħidulu *zizu* wkoll.

*ZOZZA*: Karrozza.